## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 01/2018

**15 ta' Jannar 2018**

THE PROFESSIONAL CENTRE
SLIEMA ROAD
GZIRA GZR 1633 - MALTA
TEL./FAX. (+356) 2131 4265
EMAIL. info@ktpmalta.com
WEBSITE. www.ktpmalta.com
KAMRA TAL-PERITI
*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

## Kamra tal-Periti

## Laqgħa Annwali Ġenerali 2017

Il-Laqgħa Annwali Ġenerali tal-2017 tal-Kamra tal-Periti saret fl-14 ta' Diċembru f'Mount St Joseph fil-limiti tal-Mosta. Waħda mill-affarijiet fuq l-aġenda kienet il-konferma tas-Segretarja Onorarja, u l-elezzjoni ta' żewġ membri ġodda fuq il-Kunsill, li issa hu kompost kif ġej:

| | |
|---|---|
| **President:** | Perit Alex Torpiano |
| **Viċi President:** | Perit Simone Vella Lenicker |
| **Segretarja Onorarja:** | Perit Amber Wismayer |
| **Membri:** | Perit Jeanette Abela, Perit Anthony Bezzina, Perit Sandro Cini, Perit Alberto Miceli Farrugia, Perit Ivynne Grixti, Perit Lara Mifsud, Perit André Pizzuto, u Perit Damian Vella Lenicker |

Il-Perit Torpiano elenka x-xogħol tal-Kunsill matul l-2017, inkluż il-progress fuq l-emendi għall-Att dwar il-Periti, it-tnehdija tal-Emanuel Luigi Galizia Awards li ser jiġi organizzati iktar tard din is-sena, il-konsultazzjonijiet li l-Kunsill għamel mal-gvern matul is-sena, kif ukoll l-istat attwali tal-professjoni.

Waħda mill-mozzjonijiet approvati matul il-Laqgħa Ġenerali kienet tikkonċerna l-ħidma tal-Kamra sabiex jiġi ssalvagwardjat il-wirt mibni ta' pajjiżna, b'riferenza partikulari għall-pożizzjoni li ħadet il-Kamra dwar it-twaqqiegħ tal-bini tas-Sea Malta u ta' Villa Ignatius. Il-mozzjoni, li tresqet mill-membri, kienet: "Il-Laqgħa Annwali Ġenerali tal-Kamra tal-Periti, wara li nnutat l-istqarrijiet pubbliċi u l-mod li bih l-Awtorita' ta' l-Ippjanar irrispondiet għar-rappreżentazzjoni li għamlet il-Kamra dwar każijiet ta' twaqqiegħ mingħajr permess u abbużiv ta' eżempji tal-wirt mibni Malti, tappoġġja l-pożizzjoni li ħa l-Kunsill favur il-wirt storiku u tikkundanna l-attitudni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li injorat dawn ir-rappreżentazzjonijiet, u li għamlet insinwazzjonijiet u akkużi ta' prattika mhux korretta mill-periti kkonċernati, f'tentattiv li tiżvija l-attenzjoni tal-pubbliku mill-fatt li l-Awtorita' falliet milli tipproteġi dan il-wirt kulturali."

Il-Kunsill jinsab kunfidenti li, bl-appoġġ tal-professjoni, jista' tkompli jaħdem sabiex tiżgura li l-kwalita' tal-ambjent mibni tagħna jitjieb u li l-wirt mibni tagħna jingħata iktar valur.

https://kamratalperiti.org/about-ktp/council/